# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 9**

**Rikors numru 408/15/1 MH**

**Avv. Damien Degiorgio bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera S.T.C Servizio Trasporti Combinati S.p.A. (reġistrata fir-reġistru delle imprese ta' Genova bin-numru 02196090928)**

**v.**

**1. Express Logigroup Limited (C58205) u**
**2. Casapinta Design Group Limited (C9216) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Limited, wara deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn sabet liż-żewġ soċjetajiet konvenuti responsabbli u kkundannathom *in*

*solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi il-prezz għall-ġarr ta' merkanzija mil-Libja għall-Olanda.

## Daħla

1. Is-**soċjetà attriċi** S.T.C. Servizio Trasporti Combinati S.p.A., (l-Attriċi jew STC) soċjetà estera reġistrata Genova, ressqet quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (l-Ewwel Qorti) is-segwenti premessi u talbiet:

> "1. "Illi s-soċjeta rikorrenti topera inter alia fis-settur tat-trasport internazzjonali u fuq inkarigu tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom (dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok CJF) ipprovdiet servizz ta' trasport ta' materjal bejn Tripoli u Kessel fl-Olanda permezz ta' tlett trailers separati u dan kif jirriżulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003;
>
> 2. Illi l-materjal in kwistjoni kien jikkonsisti f'pavilion smantellat li kien intuża f'manifestazzjoni f'Tripoli, l-Libja u li kellu jittieħed għand il-proprjetarji Neptunus BV fl-Olanda u r-rikorrenti kienu responsabbli għat-trasport mill-port Libjan sad-destinazzjoni finali;
>
> 3. Illi s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom talbu għal dan is-servizz u użufruwew minnu tant li l-konsenja saret debitament lis-soċjetà Neptunus B.V. fl-Olanda kif mitlub mill-intimati jew min minnhom;
>
> 4. Illi minkejja dan l-intimati għadhom sal-ġurnata tal-lum ma ħallsux l-import ta' l-imsemmija fatturi li jammonta għal tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) u dan minkejja diversi sejħiet mis-soċjetà rikorrenti sabiex tali ħlas isir, inkluża *e-mail* datata 29 ta' April 2015 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CJF 004);
>
> 5. Illi effettivament l-intimati għażlu li jibqaw jinsistu, għal raġunijiet mhux aċċettabbli la fil-fatt u wisq anqas fid-dritt, li mhux ser iħallsu u dan kif jirriżulta mir-risposti tagħhom (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CJF 005-006 rispettivament);
>
> 6. Illi għalhekk l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-soċieta rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti l-valur ta' servizzi ta' trasport reżi lilhom mis-soċjetà rikorrenti kif jirriżulta mill-fatturi riferiti;
>
> 7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, r-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrilha opportuni:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' trasport reżi lill-intimati skont il-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom li jħallsu lis-soċieta rikorrenti din is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' tra sport reżi lill-intimati skont il-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok CJF 001-003;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali, bl-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data li ngħata s-servizz sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

2. Is-soċjetà konvenuta **Casapinta Design Group Limited** (Casapinta) laqgħet għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi in linea preliminari, is-soċjetà intimata Casapinta Design Group Limited mhijiex leġittima kuntradittriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjes kontra l-istess soċjetà attriċi, u dana stante illi qatt ma kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti.

2. Illi in*oltre*, u mingħajr preġudizzju għas-suespost Damian Casapinta għan-nom ta' Atex Partnership, reġistrata ġewwa Tripoli, l-Libja, bin-numru ta' reġistrazzjoni 57041, kien ingaġġja s-servizzi tas-soċjetà Express Logigroup Limited; u kienet ta' l-aħħar illi qabbdet lil terzi, senjatament lis-soċjetà attriċi.

3. Illi Damian Casapinta noe diġa' ħallas lis-soċjetà Express Logigroup Limited għas-servizzi resi da parti tagħha kif ser jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u f'dan ir-rigward, tinsab pendenti kawża ta' danni fl-ismijiet Damian Casapinta noe versus Express Logigroup Ltd (Rikors Ġur: 647/2014JPG). Illi in*oltre*, fir-risposta ġuramentata tal-istess Express Logigroup Limited, fil-kawza ċitata, minkejja diversi eċċezzjonijiet anki ta' natura preliminarja, qatt ma eċċepiet jew b'xi mod ieħor indikat illi l-ftehim ta' ġarr seta' kien bejn Damian Casapinta noe u terzi, jew b'xi mod ċaħdet il-fatt illi kienet proprju s-soċjetà Express Logigroup Limited illi ġiet imqabbda minn Damian Casapinta noe sabiex ġġorr il-merkanzija in kwistjoni.

4. Illi l-attur *nomine* kien skorrett meta intesta l-fatturi relativi f'isem Casapinta Design Group Limited, meta fl-istess fatturi il-"mittente"

huwa ndikat ċar bħala ATEX. Anki d-destinatarju tal-merkanzija li nġarret, u ċioe', NEPTUNES Structures, indikat lill-istess ATEX fil-fatturi tagħha, esebiti mill-attur noe.

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra s-soċjetà attriċi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

3. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta **Express Logigroup Limited** (Express) ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti *nomine* għandu jġib prova ċara u inekwivoka tal-mandat tiegħu skont il-liġi u kif ukoll prova ċara u inekwivoka tal-eżistenza tas-soċjetà li huwa qed jirrapreżenta;

2. Illi preliminarjament l-azzjoni hija waħda perenta *ai termini* tal-artikolu 544 (a) jew (e) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll is-soċjetà intimata Express Logigroup Limited m'hix il-leġittimu kuntradittur f' dina l-kawża peress illi l-istess soċjetà intimata f' dan il-każ qatt ma talbet servizzi mingħand is-soċjetà rikorrenti u dana hekk kif se jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza u għalhekk ma għandha l-ebda rabta ġuridika magħha, tant hu hekk illi, inter alia, l-ebda fatturi li qed jiġu mitluba f' dina l-kawża m'huma indirizzati lill-istess soċjetà intimata;

4. Illi s-soċjetà intimata m' għandha tagħti l-ebda ammont lir-rikorrenti *nomine* u dana hekk kif se jiġi debitament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

5. Salv linji difensjonali ulterjuri skont il-liġi;

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."

4. B'sentenza tal-4 ta' Ġunju, 2021 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija

u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' trasport reżi lill-intimati skont il-fatturi mmarkati bħala Dok CJF 001-003; u

3. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom li jħallsu lis-soċjeta rikorrenti din is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u sitt Ewro (€13,806) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' tra sport reżi lill-intimati skont il-fatturi mmarkati bħala Dok CJF 001-003;

4. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali, bl-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data li ngħata s-servizz sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti solidalment bejniethom."

5. Casapinta Design (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellanti) interponiet appell b'rikors tas-17 ta' Ġunju 2021, fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lil din il-Qorti sabiex "tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ġunju, 2021 u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellanti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat"

6. Is-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellata STC) ressqet ir-risposta tagħha in oppożizzjoni għal dan l-appell fil-15 ta' Lulju 2021.

7. Express Logigroup ma appellatx mis-sentenza imsemmija u għalhekk fil-konfront tagħha s-sentenza appellata hija *res iudicata*.

8. Wara li din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ, ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

**Sfond**.

9. Mill-provi miġbura l-Ewwel Qorti elenkat il-fatti rilevanti bil-mod segwenti:

> "Irriżulta li fl-epoka tal-mertu li ta lok għal kawża odjerna kienet saret xi fiera ġewwa l-Libja li għaliha sar trasport ta' merkanzija meħtieġa għal dak il-għan.
>
> Sar ftehim privat bejn s-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Ltd inkarigat lis-soċjetà konvenuta l-oħra Express Logigroup Ltd sabiex tagħmel it-trasport ta' tali merkanzija mill-Ewropa lejn il-Libja u lura. Kif xehed Jonathan Vella għan-nom ta' Logigroup Express stess, xogħol il-kumpanija tiegħu kien li tagħmel dak kollu neċessarju biex din l-operazzjoni sseħħ. Minn naħa tagħha ssoċjetà Express Logigroup Ltd, peress li skont ma xehed Jonathan Vella, ma kinux joperaw trailers lejn l-Afrika ta' Fuq saru taħdidiet fuq livell kummerċjali ma' Thomas Smith & Co Ltd li hija s-soċjetà li kienet tirrappreżenta l-STC f'Malta dak iż-żmien. Huwa xehed li ddiskuta ma' Thomas Smith & Co Ltd kif ser isir il-proġett, ir-rata li ser titħallas u ssetjaw pjan biex ikunu jistgħu jipproċedu.
>
> Ma ġiex kontestat li parti sostanzjali mit-trasport tal-merkanzija saret mingħajr problemi fejn Thomas Smith & Co Ltd ħarġu diversi fatturi lil Express Logigroup Ltd esibiti anke in atti u skont anke ma xehed Jonathan Vella sar id-debitu ħlas fuq dawn il-fatturi.
>
> Jidher iżda li minn dak li xehed Damian Casapinta, u li wkoll ma ġiex kontestat, li uħud mit-trailers li ntbagħtu minn STC ma kinux kollha tal-qies rikjest, b'dana li kien hemm ħtieġa ta' aktar trailers sabiex ikun jista' jitgħabba l-materjal kollu li mill-Libja kellu jmur lejn l-Olanda.
>
> U proprju f'dan il-kuntest li ntbagħtet l-*e-mail* tad-19 t'April 2014 fejn Damian Casapinta, wara li kkopja lil Jonathan Vella tal-Express Logigroup Ltd u lir rappreżentanti ta' STC qal li kienu jeħtieġu tlett trailers oħra sabiex jiġi ritornat l-apparat ġewwa l-Olanda. L-għada, 20 t'April 2014, Jonathan Vella rrisponda u kkopja wkoll lill-istess persuni fejn qal li huwa kien informa wkoll lill-uffiċċju ta' Malta bil-bookings u li kien ser jerġa jkellimhom dwar in-numri tat-trailers. Fis-7 ta' Mejju 2014 imbagħad, Jonathan Vella bagħat *e-mail* oħra rigwardanti l-konsenja tal-merkanzija permezz tat-tlett trailers in kwistjoni fejn talab lil Stefano Nurchi, rappreżentant ta' STC, sabiex jassikura li d-dokumenti tad-dwana ikunu preparati kif suppost qabel il-wasla tal-vapur bil-merkanzija in kwistjoni sabiex jiġu evitati problemi. B'din l-*e-*

*mail* kien infurmat ukoll Damien Casapinta u kkupjati wkoll il-klijenti ta' Casapinta ġewwa l-Olanda.

Dan l-isfond fil-fehma tal-Qorti huwa mportanti sabiex tiġi riżolta l-vertenza tallum.

Mhuwhiex kontestat li l-konsenja ta' materjal saret lis-soċjetà Neptunus B.V fl-Olanda permezz tat-tlett trailers AB 85055, AB 38460 u AB 38463 u li ta' dan isservizz qed jintalab fil-kawża l-ammont totali ta' €13, 806 skont fatturi a fol 21, 22 u 23. Lanqas per parentesi ma hemm kontestazzjoni dwar il-quantum mitlub.

[…]

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti invece hija sostanzjalment li skonthom, ħadd minnhom ma hu responsabbli għal dan il-ħlas.

Issa l-attur noe qiegħed idur fuq iż-żewġ konvenuti għall-ħlas għax isostni li ttnejn li huma "kienu qegħdin jikkomunikaw mas-soċjetà rikorrenti għar-rigward tal-konsenja, b'dan li kif jirriżulta mid-dokument CJF l-ordni finali wasal minn Jonathan Vella, b'Casapinta inkluż, li kien jaf b'kollox u li s-servizz sar fl-interess tiegħu"

10. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront taż-żewġ konvenuti wara li rraġunat b'dan il-mod:

"Illi għalkemm mhix ċar fit-talba tiegħu jidher li l-attur *nomine* qiegħed jattribwixxi responsabilta' *in solidum* versu l-konvenuti (għalkemm jagħti l-opżżjoni ta' responsabilta' lil min minnhom). F'dan ir-rigward L-artikolu 1094 tal-Kap 16 jipprovdi hekk –

> "L-obbligazzjoni hija *in solidum* għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur."

(…)

Mill-provi mressqa u fl-isfond tal-liġi u l-ġurisprudenza ċitata, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti hija li l-konvenuti għandhom jitqiesu solidalment responsabbli għall-ħlas tal-ammont mitlub.

Fl-ewwel lok, kull ftehim li għamlu s-soċjetajiet konvenuti bejniethom dwar loperat tal-proġett huwa res inter alios acta għall-attur noe.

Fit-tieni lok, kif irriżulta, fir-rigward tal-konsenja li dwarha qiegħed jintalab ilħlas, kienu ż-żewġ konvenuti li mhux biss kienu qegħdin jokkomunikaw iżda saħansitra jagħtu ordnijiet lil-atturi f'diversi stadji.

Hekk jirriżulta li f'kuntest ta' komunikazzjoni kontinwa bejn il-kontendenti fil-kawża fir-rigward tal-proġett in kwistjoni, kien David Casapinta ta' Casapinta Design Group Ltd li għamel rikjesta formali għat-tlett trailers direttament lil STC, iżda kien hemm ukoll relazzjoni ġuridika bejn STC u Express Logigroup Ltd in kwantu din tal-aħħar kompliet tieħu ħsieb l-aspetti loġistiċi kollha marbuta mat-trasport tat-tlett trailers imsemmija lejn l-Olanda.

Hija l-fehma ferma tal-Qorti li d-difiża mressqa mill-konvenuti fir-rigward hija fjakka għall-aħħar.

Damien Casapinta, id-Direttur tas-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Ltd jipprova jfarfar kull responsabilta' minn fuqu b'dan il-kliem –

> "Dan l-ammont mhuwhiex dovut, ma nafx għalxiex qed isemmu li hawn dawn ittlett trailers għax ma nafx x'inhuma. Aħna bħala proġett kollu, tħallas kollox lil Jonathan Vella. Jonathan Vella ma għandu xejn bħala pendenzi jiġifieri ma nafx għalxiex dawn qed jgħidu illi hawn dawn...."

Iżda dan id-diskors ma jistax ikun aktar 'il bogħod mir-realta' tal-fatti kif pruvata meta rriżulta pależement li kien hu stess li talabhom fl-*e-mail* tad-19 t'April 2014.

Lanqas ireġi l-argument ta' din l-istess soċjetà li l-attur noe kien skorrett meta ntesta l-fatturi f'isem Casapinta Design Group Ltd meta l-mittent kien ATEX. Dan għaliex mal-attur noe kienet Casapinta Design Group Ltd tramite David Casapinta li ordnat direttament it-tlett trailers in kwistjoni dan indipendentement minn kwalunkwe ftehim li l-istess Casapinta Design Group Ltd seta' kellha ma' ATEX. Kellu kull dritt għalhekk l-attur noe jintesta l-fattura bil-mod kif għamel.

Minn naħa l-oħra Jonathan Vella, Chief Executive tas-soċjetà konvenuta Express Logigroup Ltd li kienu nkarigati mis-soċjetà l-oħra konvenuta ffoka d-difiża tiegħu fuq il-fatt li huma bħala Express Logigroup Ltd imbagħad kienu nkarigaw lil Thomas Smith & Co Ltd (li kienet ir-rappreżentanta f'Malta tal-STC f'dik l-epoka) għat-trasport tal-merkanzija bejn l-Ewropa u Tripli u lura. Saħaq li l-fatturi li bgħatitilhom is-soċjetà Thomas Smith & Co Ltd kollha kienu tħallsu. Iżda dak li ma rnexxilux juru dan ix-xhud huwa li l-ħlas abbinat mat-tlett *containers* mertu tal-kawża odjerna fil-fatt kien sar (fil-fatt il-fatturi esibiti kollha kienu jirreferu għal trailers oħra). Anzi rriżulta li din l-ordni partikolari mkien ma ffigurat fiha s-soċjetà Thomas Smith & Co Ltd għax saret direttament bejn il-kontendenti fil-kawża.

Fid-dawl tas-suespost it-talbiet tal-attur noe jimmeritaw li jintlaqgħu fil-konfront tal-konvenuti solidalment bejniethom u għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet sejrin jiġu miċħuda."

**L-Appell**.

11. L-appellanti Casapinta Design taqsam l-aggravju tagħha fi tnejn – l-ewwel parti tirrigwarda l-eċċezzjoni tagħha li ma hix leġittimu kontraditriċi għat-talbiet attriċi; u t-tieni parti tirrigwarda l-mertu, *ossia* r-responsabbilità għall-ħlas reklamat mill-attriċi.

12. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid illi l-ewwel u t-tieni eċċezzojoni preliminari tagħha kellhom jiġu akkolti mill-Ewwel Qorti.

13. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha Casapinta eċċepiet li ma hix il-leġittimu kuntraditriċi peress illi "qatt ma kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti"; filwaqt li bit-tieni eċċezzjoni tagħha eċċepiet illi Damian Casapinta għan-nom ta' Apex Partnership, kumpanija reġistrata ġewwa Tripoli, l-Libja, kien ingaġġja lis-soċjetà konvenuta Express Logigroup Limited għal ġarr tal-merkanzija mertu tal-kawża odjerna u li kienet din tal-aħħar li min-naħa tagħha qabbdet lis-soċjetà attriċi.

14. L-appellanti tgħid illi kienet ix-xhud Rosa Giani stess, Sales Account Manager mas-soċjetà attriċi, li xehdet[1] illi Damian Casapinta

[1] Fol. 53 *et seq*

kien qed jaġixxi għan-nom ta' ATEX-International Exhibition Organisers ta' Tripli u mhux għan-nom tal-kumpanija tal-familja tiegħu s-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group. Tgħid illi prova oħra li Damien Degiorgio kien qed jaġixxi għan-nom ta' ATEX u mhux għan-nom tas-soċjetà Casapinta Design Group Ltd huma proprju l-atti tal-kawża "Damian Casapinta .... fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' ATEX Partnership , ......... v. Express Logigroup Limited", (Rik Ġru 647/2014JPG, l-atti ta' liema kawża ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna.

15. Tispjega illi l-prezz mitlub permezz tal-kawża odjerna jirreferi għall-ġarr ta' merkanzija mill-Libja sa l-Olanda permezz ta' tliet *containers*. Tgħid illi l-merkanzija f'dawn it-tliet *containers* kienet, flimkien ma' volum ferm akbar ta' merkanzija, ġiet oriġinarjament trasportata mill-Olanda lejn il-Libja permezz ta' tlieta u għoxrin (23) *contianer* in konnessjoni ma' fiera fid-destinazzjoni, u li xi żmien wara kellha terġa' tinħatt u tintbagħat lura l-Olanda. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'tined u aċċessorji relatati mal-fiera li kellha tinżamm ġewwa l-Libja. L-appellanti tinsisti illi l-ħtieġa tat-tliet *containers* mertu tal-kawża kien riżultat tal-fatt li meta ġiet sabiex tintbagħat lura l-merkanzija in kwistjoni, id-daqs ta' numru ta' *containers* disponibbli kien iżgħar minn dak li ntuża meta oriġinarjament twasslet mill-Olanda lejn il-Libja bil-konsegenza, skont l-appellanti, li sabiex il-merkanzija kollha tkun tista' tinġarr lejn l-Olanda kien meħtieġ tliet

*containers* addizzjonali. Tgħid illi hija qatt ma ordnat dawn it-tliet *containers* li l-ħtieġa tagħhom inqalet kif spjegat; imma li l-ordnijiet tagħha hija dejjem għamlithom lill-kumpanija konvenuta l-oħra u qatt lill-attriċi.

16. Tikritika lill-Ewwel Qorti illi attribwit rilevanza għall-fatt li fil-korrispondenza Damian Casapinta uża l-*e-mail address* tal-kumpanija Casapinta Design Group Ltd u "skartat l-isfond kummerċjali esistenti bejn il-partijiet mill-bidu tar-relazzjoni ta' bejniethom" u r-raġuni għal fejn Damian Casapinta bagħat l-*e-mail* in kwistjoni. Tinsisti illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib responsabbilità solidali bejnha u l-konvenuta l-oħra għall-ammont reklamat mill-attriċi għaliex skontha iż-żewġ kumpaniji konvenuti "ma kienux kondebituri stante li l-istess appellanti kienet estraneja għan-negozju inkwistjoni u ma tistax tiġi addebitata b'responsabbilità legali." Tgħid li l-attriċi qatt ma talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati li jħallsu l-ammont reklamat *in solidum* għaliex fit-talbiet tagħha talbet kundanna ta' "l-intimati jew min minnhom" u ma ntalbitx il-kundanna *in solidum*. Tqis għalhekk li l-Ewwel Qorti marret *oltre* dak minnha mitlub.

17. Fil-mertu tispjega illi minħabba li l-ħtieġa ta' dawn it-tliet *containers* kien riżultat tan-nuqqas ta' l-istess soċjetà attriċi meta bagħtet *containers* ta' daqs iżgħar minn dak meħtieġ biex il-merkanzija tinġarr lura lejn l-

Olanda; "STC kellha tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha". Tgħid li "kien proprju għalhekk illi Damien Casapinta ammonihom u qalilhom jżidu aktar trailers biex jikkoreġu l-iżball banali li għamlu". Tgħid illi mill-provi rriżulta li kienet is-soċjetà konvenuta Express illi kkoordinat din "l-aħħar żieda".

18. Tilmenta li dan l-argument l-Ewwel Qorti injoratu għal kollox u li minflok straħet fuq il-fatt li Damian Casapinta uża l-*e-mail address* tal-kumpanija konvenuta Casapinta Design Group Ltd, li huwa l-unika *e-mail address* li għandu. Tilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa r-raġuni ta' dik l-*e-mail* u l-isfond għal fejn intbagħtet *nonostante* li fl-istess sentenza kkunsidrat illi ma kinitx ġiet kkontestata x-xhieda ta' Damian Casapinta illi "uħud mit-trailers li ntbagħtu minn STC ma kienux kollha tal-qies rikjest, b'dana li kien hemm ħtieġa ta' aktar trailers sabiex ikun jista' jitgħabba l-materjal kollu li mill-Libja kellu jmur lura l-Olanda".[2]

19. Tisħaq li l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li Damian Casapinta kkwalifika l-*e-mail* li fuqha straħet il-qorti fis-sentenza appellata illi "these three trailers will form part of all the return trailers". Tgħid illi din il-kundizzjoni "qatt ma ġiet ikkontrarjata mill-attur noe u li kif jirriżulta mill-atti s-soċjetà attriċi mbagħad għaddiet sabiex tikkonkludi l-kundizzjonijiet tal-ġarr mas-soċjetà Express Logigroup"

[2] Paġna 26 tas-sentenza appellata.

20. Is-soċjetà attriċi appellata tilqa' għal dan l-appell billi tgħid illi s-sentenza appellata hija bbażata fuq apprezzament korrett u approfondit tal-fattispecie tal-każ u tal-provi prodotti. Tgħid illi ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa sabiex l-apprezzament tal-provi u l-ġudizzju tal-Ewwel Qorti li kellha l-vantaġġ li tisma' l-provi direttament minn fomm ix-xhieda in kwistjoni u minn hemm tasal għall-konklużjonijiet tagħha, jiġu skostati. Tgħid illi kienu l-konvenuti li inkarigawha sabiex "għan-nom tagħhom" twettaq servizzi ta' ġarr li mbagħad qatt ma ħallsu għalihom.

21. Tissottolinea illi quddiem l-Ewwel Qorti hija ressqet erba' xhieda fejn spjegaw fid-dettall kif ġew imqabbda mis-soċjetajiet konvenuti u spjegaw fid-dettall kif twettaq ix-xogħol minnhom b'dan li l-*pavillion* twassal fid-destinazzjoni tiegħu mis-soċjetà attriċi kif ġiet inkarigata li tagħmel. Tgħid li ħadd minn dawn l-erba' xhieda ma ġie kontroeżaminat mill-konvenuti.

22. Tirreferi għax-xhieda ta' Damian Casapinta u ssostni li ma kienx konsistenti. Tgħid illi filwaqt li xehed li huwa kien ġie inkarigat fil-vesti tiegħu personali minn ATEX bħala *project manager*, u mhux għan-nom tas-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Ltd; imbagħad "jonqos milli jipprovdi provi dokumentarji fejn jindikaw b'mod inkonfutabbli li meta ġie ingaġġjat f'dawn ix-xogħlijiet dan seħħ fil-kwalita' personali tiegħu u mhux fil-vesti ta' Direttur ta' Casapinta Design Group". Tgħid li Damian

Casapinta stess "jikkonferma n-ness bejnu u bejn Jonathan Vella fl-operat ta' ġarr ta' materjal meta xehed illi: "Jiena naħdem ħafna xogħol ma' Jonathan Vella li jaħdem mal-Express Logigroup u tajt dan il-kuntratt lil Jonathan Vella tal-Express Logigroup"." Tirreferi bħala xhieda konfużjonali meta Damian Casapinta xehed illi ma jafx l-ammont reklamat mill-attriċi għalxiex qed jirreferi. Tagħlaq ir-risposta tagħha billi tissottometti illi "minħabba l-aġir evasiv tal-appellanti, li ma kienx biss manifest fil-proċeduri ġudizzjarji iżda evidentement anki qabel, .... , is-soċjetà attriċi ma kellhiex triq oħra għajr li tħarrek liż-żewġ konvenuti li bdew jippuntaw is-swaba lejn xulxin".

**Kunsiderazzjonijiet**.

23. Din il-Qorti ser tibda bil-kunsiderazzjoni tal-aggravji tal-appellanti marbuta maċ-ċaħda da parti tal-Ewwel Qorti tal-eċċezzjoni ta' Casapinta illi ma hix il-leġittimu kuntradittur u li għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex waslet tikkonkludi li s-soċjetà Casapinta Design Group Ltd hija l-leġittimu kontradittur:

> "Applikati s-segwenti prinċipji għall-fattispeċje tal-każ odjern il-Qorti tqis li ebda waħda mill-eċċezzjonijiet taż-żewġ konvenuti msemmija ma hija ġustifikata.

Stabbilit ampjament mill-provi li sar il-vjaġġ bil-baħar tal-merkanzija li għat-trasport tagħha qed jintalab il-ħlas mill-atturi l-Qorti tinnota li f'dan l-istadju, mingħajr ma tidħol dettaljatament fil-mertu tal-provi u dwar responsabiltajiet li għandhom jinġarru, iż-żewġ soċjetajiet konvenuti huma mplikati fil-viċenda.

Biss biss mill-korrispondenza esibita in atti, fosthom *e-mail*s markati CJF, CJF 008 u CJF 009, liema korrispondenza titratta proprju l-konsenji in kwistjoni, huma direttament parteċipi u nvoluti ż-żewġ soċjetajiet konvenuti. Mhux biss ix-xhieda mressqa mill-atturi jikkonfermaw dan l-involviment tal-konvenuti bil-ġurament iżda anke l-istess konvenuti, rinfaċċjati b'din il-korrispondenza ma jinnegawx dan.

Infatti l-*e-mail* tad-19 t'April 2014 a fol 38 intbagħtet fost oħrajn lir-rappreżentanti tal-attur noe proprju minn Damian Casapinta. Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li huwa kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali u mhux f'isem il-kumpanija Casapinta Design Group Ltd iżda l-provi juru li l-korrispondenza kienet qegħda tintbagħat mill-*e-mail* tas-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Ltd kif ammess minn Damian Casapinta stess. Ma nġiebet ebda prova oħra konkreta li tmieri dan jew li torbot l-inkarigu għat-trailers mertu tal-kawża ma' terzi. Għandu raġun l-attur noe iħarrek lis-soċjetà Caspinta Design Group Ltd sabiex tirrispondi għat-talbiet attriċi u għalhekk l-eżeistenza tar-relazzjoni ġuridika bejniethom ġiet pruvata.

[...]

Għaldaqstant il-Qorti tqis li ż-żewġ soċjetajiet konvenuti huma leġittimi kontradittur u għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward sejrin jiġu respinti."

25. Hi ġurisprudenza stabbilita illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le leġittimu kontradittur, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet jew uħud minnhom li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet imsejsa fuq rabtiet kuntrattwali; kif ukoll fuq dawk ta' indoli akwiljana. Kif inżamm minn din il-Qorti fis-

sentenza **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura et.** mogħtija fis-6 ta' Jannar 2020:

> "Illi biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqies bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;"

26. Huwa risaput, li l-eżistenza *o meno* tal-leġittimazzjoni attiva jew passiva għandha tiġi stabbilità b'referenza biss għall-fattispeċje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attur.

27. Bħala linja ġenerali, l-interess ġuridiku fil-konvenut jirradika fih il-leġittimità passiva li joqgħod fil-ġudizzju; bl-istess mod kif l-interess ġuridiku fl-attur jirradika fih il-leġittimità attiva li jippromwovi l-azzjoni ġudizzjarja.

28. Huwa miżmum illi sabiex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-legittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fin-negozju li skont il-parti attriċi tkun ħolqot ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, li wasslet biex inħolqu r-rabtiet kuntrattwali fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom; (**Frankie Refalo v. Jason Azzopardi –** Appell

Superjuri - 5 ta’ Ottubru 2001; **Elton Taliana v. Onor Min għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali et** - Appell Superjuri - 20 ta’ Lulju, 2020).

29. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit fuq livell ta’ *prima facie*, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi għat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa;

30. Id-deduzzjoni ta’ konvenut f’ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta’ dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f’kondominju jew il-kreazzjoni ta’ ċerti servitujiet). Li jfisser, b’konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista’ tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta’ dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. (**Focal Maritime Services Ltd. v. Top Hat Co. Ltd**. - Qorti tal-Appell – 9 ta’ April 2008; **MM Workshop Limited v. Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili** - Qorti tal-Appell (Inf) - 16 ta’ Ġunju 2017.)

31. Iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimità passiva ma tfissirx li *una volta* jiġi investit il-mertu tal-kawża għandu tabilfors il-konvenut jinstab responsabbli biex jagħmel tajjeb għat-talbiet attriċi, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom

dik li t-talbiet attriċi kellhom ikunu diretti lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.

32. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – ġia' dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur – kien, wara t-trattazzjoni tal-kawża fil-mertu, estranju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

33. Għall-iskop tal-valutazzjoni tal-integrità tal-kontradittorju wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni dak li l-attur qed jitlob fil-kawża u mhux ukoll l-eżitu tal-kontroversja. (**Frances Mercieca v. Future Focus Lt**d – Appell Inferjuri- 17 ta' Ottubru 2007).

34. Meta f'kawża jiġi ċċitat konvenut wieħed, l-akkoljiment tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimità passiva fil-konvenut iġib fi tmiemu s-smigħ tal-kawża mingħajr il-ħtieġa li jiġi trattat u deċiż il-mertu.

35. Huwa risaput illi min jeċċepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur *stante* nuqqas ta' relazzjoni ġuridika jeħtieg li juri, bi provi adegwati, illi huwa ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-

istanza. Sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieg li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' *prima facie* jekk il-persuna li ġiet imħarrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qiegħda tilmenta s-soċjetà attriċi, ċjoè jekk bl-aġir tagħha nħolqitx relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mis-soċjetà attriċi (ara **Grace Sacco v. Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et** - Appell Superjuri 16 ta' Ottubru, 2007; **Sydney Ellul Sullivan noe v. David Jones et noe** - Appell Superjuri 26 ta' Mejju, 2017).

36. L-attriċi ħarrket lis-soċjetà appellanti Casapinta "għal kull interess li jista' jkollha".

37. Meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-Ewwel Qorti, kif dakinhar presjeduta, kienet tat digriet kamerali datat 11 ta' Mejju, 2015[3] li kien jaqra kif ġej:

> "Tappunta l-kawża għas-smigħ ...........
>
> Tordna lill-attur *nomine* sabiex fi żmien 20 ġurnata mil-lum:
>
> i. Permezz ta' nota jispjega fil-qasir kull wieħed mid-dokumenti li ppreżenta mar-rikors u jgħid x'rilevanza għandhom għall-każ.
>
> ii. Jiddikjara min huma x-xhieda li jistgħu jixhdu b'affidavit u x'fatti jafu.
>
> iii. Jiddikjara min mill-konvenuti kien ikkomunika mal-attriċi u għamel l-ordni għall-ġarr".

[3] Fol. 31

38. B'nota li ppreżenta fis-26 ta' Mejju, 2015[4] l-attur *nomine* ottempera ruħu mad-digriet kamerali msemmi.

39. Dwar it-tielet kweżit fid-digriet imsemmi rigwardanti min ikkomunika mal-attriċi u għamel l-ordni għall-ġarr mertu tal-kawża odjerna, l-attur *nomine* ddikjara kif isegwi:

> "Illi kif jirriżulta mid-dokument CJF kif ukoll mill-*e-mail*s hawn annessi u mmarkati bħala Doks CJF 008 u CJF 009 iż-żewġ konvenuti kienu qegħdin jikkomunikaw mas-soċjetà rikorrenti għar-rigward tal-konsenja b'dan li kif jirriżulta mid-dokument CJF l-ordni finali wasal minn Jonathan Vella, b'Casapinta inkluż, li kien jaf b'kollox u li s-servizz sar fl-interess tiegħu".

40. Fl-istess nota l-attur *nomine* ddikjara illi "Minħabba l-pożizzjoni kontrastanti tal-partijiet li ħadu pożizzjonijiet djametrikament opposti r-rikorrent noe ma kellux triq oħra għajr li jistitwixxi l-proċeduri kontra ż-żewġ kumpaniji".

41. Din il-Qorti eżaminat il-provi dokumentarji ppreżentati rilevanti għall-mertu tal-kawża u ssib illi l-ewwel dokument rilevanti huwa <u>*e-mail* mibgħuta minn Damian Casapinta datata 19 ta' April, 2014[5]</u> bis-suġġett "RETURN TO KESSEL – HOLLAND", mibgħuta minn Damian Caspinta lill-erba' (4) persuni: lil Jonathan Vella, fl-*e-mail address* tiegħu għand Express logigroup; lil Massimiliano Rapanelli ta' STC, lil STC Libia u lil Rosa Giani ta' STC. Jgħid hekk Casapinta:

---

[4] Fol. 36
[5] Dok CJF 008 - Fol. 38

> “All, please note that end of next week Saturday 26th I need 3 trailers at Sports City to load some equipment that has to be returned immediately to:
>
> Neptunus Group
>
> Nepunuslaan 2, ............. Kessel”.
>
> These 3 trailers will form part of all the return trailers.
>
> Please confirm.
>
> Thanks
>
> d.”

42. Damian Casapinta ammetta illi huwa bagħat dik l-*e-mail* mill-indirizz elettroniku tas-soċjetà appellanti.

43. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-eċċezzjoni tas-soċjetà Casapinta Design Group Ltd illi ma hix il-leġittimu kontradittur ma hix fondata. Dan għaliex sabiex tirnexxi tali eċċezzjoni kien jeħtieġ jintwera illi mad-daqqa t'għajn is-soċjetà appellanti kienet kompletament estranea għall-fatti li wasslu għall-kawża odjerna u li ma għandhiex tirrispondi għall-azzjoni kif impostata mill-attriċi. Bil-fatt li dik l-*e-mail* Casapinta bagħatha sew lil Express Logigroup kif ukoll lill-attriċi STC ġie muri illi l-appelanti mhux biss ma hix estranea għall-ordni ta' trasport ta' merkanzija mertu tal-kawża; talli saħansitra kienet komparteċipi fl-ordni magħmula lil STC. Fit-tielet premessa tagħha l-attriċi ppremettiet illi “s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom talbu għal dan is-servizz”. Sta għall-attriċi tipprova li s-servizz li għalih qed titlob il-ħlas sar mis-soċjetà appellanti

ukoll. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi, anke mad-daqqa t'għajn, ma setax jitqies li s-soċjetà appellanti ma kinitx leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi.

**44. Tiċħad għalhekk l-aggravju tal-appellanti sa fejn jirrigwarda l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva.**

45. Ngħaddu issa sabiex nikkunsidraw l-aggravju marbut mat-tieni eċċezzjoni tal-appellanti li wkoll ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti. Permezz ta' dik l-eċċezzjoni l-appellanti eċċepiet illi kienet is-soċjetà konvenuta l-oħra Express Logigroup Limited li inkarigat lis-soċjetà attriċi dwar it-trasport mertu tal-kawża u mhux hi.

46. Dan l-aggravju qed jattaka s-sentenza appellata billi jqis li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

47. Dwar jekk hemmx restrizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' apprezzament tal-provi li din il-Qorti tista' tagħmel, hija ġurisprudenza assodata illi filwaqt li din il-Qorti tgawdi awtonomija meta tiġi sabiex tgħarbel il-provi in atti, fl-istess ħin ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti sakemm ma jirriżultax li jkun sar apprezzament irraġjonevoli jew kontradittorju. (Ara **Avv. Dr Luigi Sansone *nomine* v. Strabuono Coffee International Limited** - Appell Superjuri - 12 ta'

Jannar, 2023; **Jason Desira et. v. Antoine Delicata et.** - Appell Superjuri - 29 ta' Marzu, 2023). Hi regola daqstant ieħor assodata illi din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli, jew jinsab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma**). Huwa minnu illi fejn tidħol kredibbilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet *viva voce* qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Ingħad ukoll illi "...aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**)."[6]

[6] Ara wkoll **T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Novembru, 2023.

48. L-appellanti tibni s-sottomissjoni tagħha li l-ordni ma saritx minnha imma mis-soċjetà konvenuta l-oħra fuq il-pretest illi fl-*e-mail* mibgħuta minn Casapinta lill-Express Logigroup u lil STC huwa niżżel il-kundizzjoni: "These 3 trailers will form part of all the return trailers".

49. Għalkemm f'dik l-istess *e-mail* Damian Casapinta niżżel ukoll il-kliem "Please confirm", l-unika *e-mail* li hemm b'reazzjoni hija l-*e-mail* ta' Express Logigroup kopja ppreżentata bħala Dok CJF[7] datata 7 ta' Mejju 2014 mibgħuta minn Jonathan Vella bħala "CEO/COO, Express Logigroup Limited, 3, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun", indirizzata lil Stefano Nurchi bis-suġġett "RE. Arrival notice Alex AB 85055 + AB 38460 + AB 38463 for Neptunes 5995 MA Kessel" u taqra kif ġej:

> "Dear Stefan,
>
> Please ensure that the customs documentation are correctly prepared to avoid an hassle at the receiving end. Also it is imperative that photos are taken to cover the cross dock operation".

50. Damian Casapinta huwa kkupjat b'dik l-*e-mail*.

51. L-appellanti tibqa' ssotni illi hija ma għamlitx ordni għat-trasport lil STC; mentri fl-*e-mail* tiegħu tad-19 ta' April 2014, Damian Casapinta jiddikjara "I need 3 trailers at Sports City" għas-Sibt 26 ta' April, 2014". L-*e-mail* ma hix indirizzata lil Express Logigroup biss imma ukoll lil STC

---
[7] Fol. 5

addirittura fi tliet indirizzi elettroniċi differenti. Imkien ma jgħid f'dik l-*e-mail* illi kien kostrett jitlob tliet *containers* oħra tort ta' nuqqasijiet da parti ta' STC. Imkien ma jgħid illi għalkemm qed issir ordni b'dik l-*e-mail* ma kienx qed jiġi wkoll assunt l-obbligu tal-ħlas għall-istess. Mhux verosimili illi l-appellanti timputa żball da parti tal-attriċi li ser jiswa aktar minn €15,000.00 u f'dik l-*e-mail* ma ssemmi xejn. L-appellanti tittenta tibni l-argument illi x-xhieda ta' Damian Casapinta ma ġietx kontradetta. Donnu l-appellanti nesiet illi hija ħarġet għall-ewwel darba b'din ir-raġuni wara li l-attriċi kienet għalqet il-provi tagħha u wara li inspjegabbilment naqset milli tagħmel il-kontroeżami ta' erba' xhieda mressqa mill-attriċi. Imkien fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha ma tilqa' għat-talbiet attriċi illi, l-ammont reklamat mill-attriċi kien riżultat ta' nuqqas tal-attriċi stess.

52. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti "skartat" l-atti tal-kawża numru 647/2014JPG li kienu ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna.

53. Din il-Qorti eżaminat dawk l-atti li kienu u għadhom allegati u ssib illi l-ilment tal-appellanti ma hux ġustifikat. Dik il-kawża ġiet istitwita minn Damian Casapinta għan-nom ta' dak li huwa ddikjara li hi kumpanija Libjana bl-isem ta' APEX Partnership reġistrata ġewwa Tripoli bin-numru tar-reġistrazzjoni 57041 kontra Express Logigroup Limited fejn talbet il-ħlas ta' €24,632.25 bħala danni "ikkawżati minnha jew minn terzi

mqabbda minnha, u dana minħabba negligenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tat-termini stabbiliti bejn il-partijiet". Fl-atti ta' dik il-kawża ma tressqu l-ebda provi la orali u lanqas dokumentarji. Lanqas mal-att promotur. Wara diversi differimenti fuq talba tal-partijiet għaliex qed jesploraw tranżazzjoni, eventwalment l-avukat ta' Damian Casapinta *nomine* ċeda l-kawża b'nota ippreżentata fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2015 fejn jingħad illi l-kawża qed tiġi ċeduta "stante transazzjoni bejn il-partijiet", aktar minn ħames xhur wara li Damian Casapinta għan-nom tas-soċjetà appellanti ppreżenta r-risposta ġuramentata fil-kawża odjerna bl-eċċezzjoni illi l-attriċi fil-kawża odjerna ġiet inkarigata minn Express Logigroup u mhux mill-appellanti.

54. Ma hu minnu xejn dak sottomess mill-appellanti, illi mill-atti ta' dik il-kawża ċeduta "jemerġu fatti basiċi illi kieku ngħataw konsiderazzjoni xierqa kienu jwasslu għall-konklużjonijiet differenti fis-sentenza appellata" għaliex f'dik il-kawża ma tressqu l-ebda provi.

55. *Ad exemplum*, la fl-atti ta' dik il-kawża u lanqas fl-atti tal-kawża odjerna ma tressqet prova tal-eżistenza tal-kumpanija Libjana. Donnu s-soċjetà appellanti ppretendiet mill-Ewwel Qorti, u għadha qed tippretendi issa minn din il-Qorti, illi ġialadarba Damian Casapinta ddikjara li teżisti kumpanija ġewwa l-Libja, tali dikjarazzjoni kienet tissodisfa l-kriterji tal-aħjar prova u li ma kienx meħtieġ li jinġibu provi ulterjuri dwar l-eżistenza

tagħha. Dan il-komportament jistona mal-pretensjoni tas-soċjetà appellanti illi fi kwalunkwe każ ir-rappreżentant tagħha ma kienx qed jaġixxi għan-nom tagħha imma għan-nom ta' kumpanija Libjana.

56. Dwar l-aggravju illi l-Ewwel Qorti ma apprezzatx illi kien Jonathan Vella stess, rappreżentant tal-kumpanija konvenuta l-oħra, li fix-xhieda tiegħu ddikjara li Casapinta Design Group Limited ma kinitx id-debitur tal-ammont reklamat, din il-Qorti ssib li dak li xehed Jonathan Vella m'għandux mis-sewwa għaliex huwa kontradett mill-provi dokumentarji. Sakemm ġiet fi tmiemha l-kawża odjerna quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà konvenuta ma rtiratx l-eċċezzjoni tagħha numru 3 li ma hiex leġittimu kontradittur.

57. Dwar l-aggravju relatat mar-responsabbilità solidali li sabet l-Ewwel Qorti, l-appellanti tattakka s-sentenza appellata għaliex issostni li ma kienx hemm solidarjetà fl-ammont reklamat mill-attriċi peress li l-appellanti "kienet estraneja għan-negozju in kwistjoni". Ġia rajna li ma kienet estranea xejn. Anzi rriżulta sodisfaċentement illi Damian Casapinta għan-nom tas-soċjetà appellanti għamel l-ordni.

58. Dwar l-ilment tal-appellanti illi s-solidarjetà ordnata mill-Ewwel Qorti marret *oltre* dak mitlub peress illi ma jirriżultax mit-talbiet attriċi li ntalbet il-kundanna solidali; din il-Qorti ssib tali aggravju fieragħ.

59. Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma dawk mertu tal-kawża odjerna, hu preżunt li l-kondebituri huma obbligati *in solidum* jekk ma jkunx hemm mal-kreditur ftehim kuntrarju. (**Art. 115, Kodiċi tal-Kummerċ**). Għall-kuntrarju, f'obbligazzjonijiet ċivili ma hemmx solidarjetà jekk mhux stabbilita bil-liġi jew espressament miftehma. (**Art. 1089, Kodiċi Ċivili**)[8]. Fil-każ odjern is-soċjetajiet konvenuti huma kummerċjanti *ai termini* tal-**Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**. B'żieda ma' dan, jingħad ukoll li l-**Artikolu 548(a)** tal-imsemmi kodiċi jkompli jikkonferma li huma ta' natura kummerċjali, il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament ċivili.

60. Hemm is-solidarjetà għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur. (**Art. 1094, Kodiċi Ċivili**). (ara **Paolo Ingaunez v. Joseph Cremona** - Appell Superjuri - 25 ta' Ottubru, 1954).

[8] Interessanti illi fil-liġi Taljana din id-distinzjoni fl-applikazzjoni tas-solidarjetà bejn obbligazzjonijiet kummerċjali u dawk ċivili ġiet ġeneralizzata bl-unifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet ċivili u dawk kummerċjali b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1942 (approfondiment ta' din l-evoluzjoni fil-liġi Taljana jinstab f'**Unita e Pluralità nella Obbligazone Solidale Passiva** - **Stefano Pellegatta** - Collana del Dipartimento Giurisprudenza dell'Università di Milano-Bicocca – G. Giappichelli Editore (2016) - paġ, 19 et. seq.)

61. L-obbligazzjoni tista' tkun *in solidum* ukoll jekk wieħed mid-debituri jkun, għall-ħlas tal-istess ħaġa, obbligat xort'oħra mill-oħrajn, bħal meta l-obbligazzjoni ta' wieħed tkun kondizzjonali, waqt li l-obbligazzjoni tal-ieħor tkun pura u sempliċi, jew bħal meta wieħed għandu żmien biex iħallas illi ma jkunx mogħti lill-ieħor, inkella meta d-debituri jkunu obbligati li jħallsu min f'post u min f'ieħor. (**Art, 1095, Kodiċi Ċivili**).

62. Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi l-inkarigu lill-attriċi kien wieħed konġunt miż-żewġ konvenuti, mwieled mill-istess kontrattazzjoni. Konsegwentement kull wieħed mill-konvenuti huwa kondebitur solidali. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-każ preżenti tirriżulta sew għaliex *si tratta* ta' obbligazzjoni kummerċjali kif ukoll mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali tas-solidarjetà u ċjoè (i) *pluralita' ta' soġġetti*; (ii) l-*idem debitum* u (ċ) l-*eadem causa obligandi* u ċjoè d-debituri huma obbligati għall-istess ħaġa bil-konsegwenza li kull wieħed minnhom seta' jiġi kostrett għall-ħlas tad-dejn kollu u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jillibera lill-ieħor mill-kreditur. Dan ifisser illi ġialadarba l-Ewwel Qorti sabet illi sew il-konvenuta Express Logigroup kif ukoll il-konvenuta Casapinta Design Group huma debituri għall-istess ammont reklamat mill-attriċi peress li l-inkarigu mogħti lill-attriċi immanifesta ruħu f'konkors bejn iż-żewġ konvenuti, is-solidarjetà bejniethom hija konsegwenza *ex lege* u ma kienx meħtieġ li fit-talbiet attriċi jintalab speċifikatament illi l-kundanna taż-żewġ konvenuti tkun *in*

*solidum*. (ara. **Carmel sive Charles Sciberras pro et noe et v. Youssef Rhouri et.** - Appell Inferjuri - 9 ta' Novembru, 2005; ara **Anchor Bay Leisures Limited v. Edgar Urpani et** **-** Appell Superjuri **-** 29 ta' Settembru, 2011; **Primrose Poultry Products Limited v. Balzan et**" – Appell Inferjuri – 12 ta' Diċembru 2008 u **Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd v. Pickard et** – Appell Inferjuri – 19 ta' Ottubru 2005).".

63. Din il-Qorti għalhekk ma rriskontrat l-ebda irritwalità li qed tara l-appellanti u per konsegwenza tiċħad ukoll dan l-aggravju.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta Casapinta Design Group Limited bl-ispejjeż kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da